MTARFA

**IR-RABA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 13 - L-ERBGĦA 11 ta' Marzu 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-7.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi-Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsiller |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Ezekuttiv |
| | Paul Gatt | Ex Aġent Segretarju Ezekuttiv |
| Skużat: | Bernard Borg | Kunsillier |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tat-tnax il-laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija, ma kien hemm ebda korrezzjoni xi jsiru. Is-Sindku iffirma il-minuti wara li dawn ġew approvati mill-Kunsill.

## 2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsill ma kellu ebda punti xi jqajjem dwar il-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONI

3.1 Saret proposta mill-Kunsillier Anatole Scerri Diacono sabiex id-dokumenti tal-laqgħat tal-Kunsill ie. Aġenda, *Schedule of Payment* u Minuti jintbagħtu b'*email* qabel il-laqgħa. Il-Kunsill qabel.

3.2 L-A/SE preżenta ittra biex tiġi iffirmata mis-Sindku. Din l-ittra tintbgħat lil BOV biex l-A/SE flimkien mas-Sindku jkun jista jiffirma iċ-ċekkijiet ta' pagamenti f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill approva.

3.3 Dwar korrispondenza ta' George Schembri fejn hu talab biex jitħallas l-ammont ta' € 476.74 għal-materjal u xogħol li kien għamel f'Jannar ta'

2008, il-Kunsill qabel li dan għandu jipprovdi dokument bħala evidenza li ix-xogħol kien fil-fatt ordnat mill-Kunsill permezz ta' *purchase order* u fin-nuqqas ta' dan jew xi evidenza oħra il-pagament m'għandux isir.

F'dan l-istadju is-Sindku talab biex il-laqgħa tigi sospiża temporarjament sabiex jiġi diskuss fi stadju ta' kumitat ilment imressaq mis-Sur Robert Cassar dwar skip li tpoġġa fi Triq Gregorio Carafa u li hu oġġezzjona għal dan l-iskip. Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett, il-Kunsill iddeċieda li fil-preżenza tas-Sur Robert Cassar li l-iskip għandu jitħalla f'dik il-parti tat-triq fejn kien oriġinarjament tpoġġa bi prova għal xahar.
Il-laqgħa tal-Kunsill reġgħat tkompliet.

3.4 Rapport dwar spezzjoni fuq il-latrini. Skond rapport u ritratti meħuda jidher ċar li l-latrini kienu qed jinżammu fi stat ħażin mill-kuntrattur. Din il-kwistjoni baqgħat pendenti għal xi żmien u l-parir tal-avukat kien li l-Kunsill iħallas parti mill-kont *in full and final settlement.* Il-Kunsill iddiskuta fid-dettal u wasal għad-deċiżjoni biex minn ammont totali ta' Lm 800 iħallas Lm 600 u jinalaq il-każ. Il-bid bond ta' Lm 200 għandha tiġi irtirata. (Nota Lm 600 jiġu € 1397.62, u Lm 800 jiġu € 1863.50).

3.5 Ittra mingħand l-ex A/SE Paul J.Pace fejn talab biex ma jgħamel ebda ħlas lura għal-pagamenti żejda li kien hu tħallas meta kien qed jgħati s-servizzi tiegħu lil-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx mat-talba tiegħu u ddeċieda li l-flus żejda li hu kien tħallas għandhom jitħallsu lura minnu stess.

3.6 Ittra mingħand l-*Ironmonger Shop* fi Triq l-Imtarfa viċin Pjazza Palma fejn is-sid tal-ħanut talab għall-applikazzjoni *" Loading &Unloading"* quddiem il-bieb mis-7.00am. sas-7.00pm. Il-Kunsill qabel.

3.7 Il-Kunsilliera Helen Bugeja infurmat lill-Kunsill b'artiklu li deher fuq l-Orizzont li l-klandestini/ immigranti illegali mhux se jiġu allokati f'ebda post f'Malta inkluż l-Imtarfa.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 L-A/SE ippreżenta lista ta' ħlasijiet u pagamenti għax-xhur ta' Jannar u Frar 2009. Din il-lista ġiet approvata għal-ħlasijiet mill-Kunsill.

4.2 Fuq talba tal-ex A/ SE Paul Gatt il-Kunsill qabel li dan għandu jitħallas il-*performance bonus* kollu ta' 10% dovut lilu.

## 5. XOGĦOLIJIET LI GĦANDHOM ISIRU U LI QED ISIRU

5.1 Il-Viċi Sindku tkellem fuq *refurbishment* li saru f'dawn it-toroq imsemmija:

- Sir Philip Pullicino
- Tommy Agius Ferrante
- u fi Ġnien tas-Sinjura saru bankijiet ġodda

5.2 Qtugħ ta' ħaxix Ġnien Sir Leslie Rundle, żona tal-*cart ruts*, sar-xogħol fuq il-*bus stop* fejn tbiddel is-saqaf tiegħu u tikħil fi Triq Kav. Vincenzo Bonello.

5.3 Għandu jsir xogħol fuq trasferiment ta'siġar taż-żebbuġ minn fejn il-bandli għal fejn iż-żona tal-*warehouses* tal-karnival. Għandha ssir applikazzjoni mal-MEPA.

5.4 Ittra lil-MRRA sabiex għal-Jum l-Imtarfa nagħmlu proġett li jissejjaħ Tree for You fejn dakinhar ir-residenti jkunu jistgħu iħawlu siġra fil-lokalita bi ftit ħlas bħala turija u apprezzament lejn l-ambjent. Iridu jiġu ordnati 40 siġra taż-żebbuġ u 15 –il siġra tal-prinjol.

## 6. ĦATRA TA' AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

6.1 Is-Sindku ppreżenta ittra ta' ħatra tas-Sur Hector Cassola bħala A/SE tal-Kunsill b'effett mit-2 ta' Marzu 2009. Il-Kunsill approva din il-ħatra.

## 7. STEDINA LIL-EX AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV PAUL GATT SABIEX JATTENDI GĦAL-LAQGĦA

7.1 Tkellem l-ex A/SE Paul Gatt fejn huwa nforma lill-Kunsill b'xi xogħolijiet pendenti u ta' informazzjoni dwar ċerti aspetti amministrattivi lis-Segretarju l-ġdid u dan sabiex ikun hemm *a clean handover* fid-doveri u responsabilitajiet ta' dan it-trasferiment ta' kariga.

## 8. JUM L-IMTARFA 27 TA' APRIL

8.1 L-A/SE informa lil Kunsill illi hu kien kiteb fuq parir tas-Sindku ittri sabiex dawn l-entitajiet imsemmija hawn taħt jieħdu parti fi programm ta' attivita possibilment mal-Kunsill għal dan il-jum. L-A/SE bagħat ittra lil kap tal-iskola Primarja u dik Sekondarja respettivament sabiex tittella kompetizzjoni bejn it-tfal tal-iskola tal-*collage* u tpinġija bit-tema " Il-Ġmiel u x-Xenarju tal-Lokalita tal-Imtarfa". Huwa informa ukoll għaqdiet partikolarjament l-*Adult Training Centre* u Dar il-Kaptan biex jingħaqdu f'attivitajiet mal-Kunsill għal dan il-jum. Se jittella Jum

Letterarju fl-Imtarfa mis-Sur Salv Sammut għal dak inhar. Għanda ssir stedina lil President tar-Repubblika għal dan il-għan.

## 9 TENDERS

9.1 Knis tat-toroq. Dan it-tender għalaq fil-31 ta' Lulju 2008 u ma kienetx saret sejħa oħra. Il-Kunsill qabel biex dan it-tender jinħareg mill-ġdid.

9.2 Tender għal-manuntenzjoni tas-Soft Areas. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir mill-ġdid.

Dawn iż-żewġ tenders għandhom jiġu ppublikati fil-gazzetti tal-Gvern u għandhom jiġu ippreparati id-dokumenti kollha bil-pjanti biex il-kuntrattur ikun żgur miż-żona u il-konfini tal-Imtarfa għal-skopijiet ta' tindif u servizzi skond kif indikati fid-dokumenti tal-offerti. Dawk ir-residenti li għandhom xi parti minn dawn is-Soft Areas, kemm jekk din hija privata jew pubblika għandhom ikunu konxji tar-responsabbilta tagħha li jżommu din il-parti ta' manuntenzjoni tajjeb, u fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill ikollu jieħu taħt idejh it-tmexxija għall-indafa ta' xi żona li titħalla fi stat traskurat u żdingat.

It-tender tas-Soft Areas għandu jinkludi :

Żbir ta' siġar kollha fil-lokalita
Qlugħ u tħawwil ta' siġar, pjanti, fjuri, eċċ
Żoni ġodda li ma kienux imniżla jew inklużi fil-kuntratt għandhom jiġu kollha inklużi fil-kuntratt il-ġdid.
ie: Sir Leslie Rundle
Żona tal-Karnival
Żona ta' Binja Qlejgħa
L-art fejn hemm il-*cart ruts*
U id-dawra tal-Imtarfa kollha

Il-Kuntrattur għandu jieħu ħsieb it-tisqijiet ta' siġar u pjanti sajf u xitwa u l-istess kunrattur għandu jiddikjara il-mod kif ser iħaddem dan il-kuntratt, jgħati profil dwar l-kumpanija tiegħu, in-numru ta' impjegati, it-tip ta' makkinarju li juża, il-frekwenza tax-xogħol, u *response time* f' każ li jkun hemm talba ta' xi nuqqasijiet.

Dawn it-tenders għandhom jiġu ppubblikati fil-gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-Malta Today bla ebda ħlas.

## 10. KULTURA

10.1 Is-Sindku u l-A/SE attendew għal-laqgħa fil-Birgu is-Sibt 7 ta' Marzu 2009 għall-iffirmar tal-ftehim għal għotja ta' fondi mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal ammont ta' € 5000 li għandhom jintuzaw għall-attivita militari li ser tissejjaħ *Military Aspects Living Exhibition*. Din l-attivita ser issir fis-17 ta' Mejju 2009.

Il-Kunsill għandu jikteb lil-kmandant tal-Forzi Armati u titressaq talba sabiex għal din l-okkażjoni *Military Aspects Living Exhibition* jospitana bl-istakkamenti u tamir biex din l-attivita tittella fil-lokalita tagħna bl-unur li jixirqila li ġġib magħha storja ta' żmien l-Inglizi f'Malta. Il-Kunsill qed jipproponi stedina lil President tar-Repubblika sabiex jattendi għal din l-attivita militari.

Is-Sindku qal li għandu jittella sotto-kumitat biex jorganizza l-pjanijiet kollha meħtiega sabiex din l-attivita tkun suċċess. Membri tal-kumitat imsemmija huma is-Sur Charles Pace, is-Sur Mario Agius, is-Sur Stephan Bonello, is-Sur Peter Cordina, is-Sinjura Matilde Balzan, is-Sur Joe Borg u s-Sur Savior Bugeja. Sar qbil fil-Kunsill illi l-Kunsillier Anatole Scerri Diacono huwa iċ-*chairman* tal-istess sotto-kumitat. Il-Kunsill qabel ukoll li mal-€ 5000 li ġew mogħtija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u jiżdied l-ammont ekwivalenti ta' € 5000 mill-fondi tal-Kunsill għall-*Military Aspects Living Exhibition.*

Kien hemm suġġeriment li l-kumpanija Future Focus tista' tingħata parti mill-organiżazzjoni għal din l-attivita u għalhekk għandha tintalab kwotazzjoni.

Għanda tinkiteb ittra lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali sabiex id-data tiġi trasferita mis-26 ta' April għas-17 ta' Mejju peress li din taħbat ma' Jum l-Imtarfa.

10.2 Il-Kunsilliera Helen Bugeja tkelmet dwar anzjani mil-lokalita tal-Mtarfa biex ikollhom transport u jattendu attivitajiet ma' anzjani oħra fir-Rabat kif ukoll viċi versa. Dwar l-ispiża ta' dan it-trasport kemm għad-Day Centre tal-Mtarfa kif ukoll tar-Rabat saret proposta mingħand is-Sindku sabiex din tinqasam pro rata ta': eżempju 6 persuni mir-Rabat għal 4 persuni mill-Imtarfa fejn il-Kunsill tar-Rabat iħallas żewġ terzi għal-ispiża għal-dawk li jattendu mir-Rabat u terz għal-dawk ir-residenti li jattendu mill-Imtarfa.

10.3 Is-Sindku għamel suġġeriment biex id-dramm tal-passjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li ser jittella mill-Kunsill jitpoġġa fuq il-*website*. L-isem tad-dramm huwa l-"*Mewt taż-Żewg Ulied*". Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġie nkarigat biex jikkumunika mal-*webmaster* sabiex il-*website*

ikollha dan l-aġġornament. Il-Kunsill qabel ukoll illi għanda tiġi fformata *Mtarfa Drama Group*.

10.4 Is-Sur Joe Borg ser ikollu pussess ta' kopja ta' tlett ċwievet tal-Kunsill sabiex ikun jista' ikompli bil-provi tad-dramm. Kopja taċ-ċavetta tal-*gate* ta' barra biex ikollu aċċess għad-dħul, kopja oħra tal-bieb ta' wara tal-Kunsill u ċavetta oħra tas-sala ġewwa l-Kunsill tas-sala fejn isiru l-provi tad-dramm mal-parteċipanti.

10.5 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ressaq proposta sabiex għal-Għid isir *party* għat-tfal tal-lokalita bejn l-eta ta' 3 snin u 9 snin u jitqassmu xi rigali. Il-Kunsill qabel.

10.6 Proposta tal-Kunsilliera Helen Bugeja sabiex issir ħarga għar-residenti bi prezz ta' € 1.00 kull persuna u id-differenza tal-ispiża fit-transport titħallas mill-Kunsill. Din il-ħarga għanda ssir fis-17 ta' Marzu fejn ir-residenti jittieħdu l-monti tal-Birgu. Il-Kunsill qabel.

10.7 Il-Kunsilliera Helen Bugeja qalet li kella *feedback* tajjeb dwar Jum il-Mara. Din l-attivita kienet suċċess. Hija ssuġġeriet li għal-Jum l-Omm fis-6 ta' Mejju jsir *Coffee Morning* jew *Buffet Breakfast* fil-lukanda San Antonio bil-prezz ta' € 9.00 kull persuna mħallsa mir-residenti. Għal l-attivita preċedenti hija kienet ġabret *sponsorship* mingħand kumpaniji fejn ingħataw rigali b'xejn għal-dik l-okkażżjoni ta' Jum il-Mara. Dawn l-i*sponsorships* huma imsemmija hawn taħt:

- La Piazza - Rabat
- Grapes Bar and Restaurant - Rabat
- Agata Jewellery – Rabat
- Hair Traffic Hairdresser - Rabat
- Rita Fitness Boutique - Rabat
- Ta' Ġulinu - Rabat
- Karazzja - Mellieħa
- Pauline Health and Beauty - Mtarfa
- Colins Stationery - Rabat
- Gauda Shoe Store - Rabat
- Audrey Health and Beauty - Mtarfa
- Colin Grima - Rabat
- Rita Boutique - Mtarfa
- Zagallo Snack Bar - Rabat

10.8 L-istess Kunsilliera issuġġerit li jsir *High Tea* għar-residenti nhar ta' Ħadd. Il-Kunsill qabel.

10.9 Is-Sindku ta' informazzjoni dwar għerien taħt l-art ġewwa l-Mtarfa li huma perikolużi. Dawn jinsabu fejn id-Dar tal-Anzjani u għanda issir ittra lis-Sur Grixti tal-*Mtarfa Home* sabiex jiġi diskuss il-valur storiku ta' dawn l-għerien u kif dawn jistgħu jiġu ppreservati wara li jitneħħa l-periklu.

10.10 Dwar l-attivita kulturali tal-Karnival is-Sindku ppropona biex ssir ittra ta' ringrazzjament lil dawk il-kumpaniji li ħadu sehem u t-tlett persuni li kienu fuq il-*panel* tal-ġurija. Fl-ittra għandu jgħid li l-Kunsill għandu interess biex din l-attivita tal-Karnival terġa ssir is-sena id-dieħla. Ringrazzjament ieħor għandu jintbagħat lis-Sinjura Cortis li kienet *comper* għal din l-isfilata. It-tlett persuni fuq il-ġurija is-Sur Joe Borg, is-Sur Sergio Ciantar u is-Sur Charles Muscat.

10.11 Ġemellaġ ma' Arvidsjaurs is-Sindku qal li għandu jitfassal programm għal żjara ta' rappreżenanti li ġejjin fis-26 ta' April biex jitkellmu dwar ġemellaġ mal-Mtarfa.

10.12 Is-Sindku qal li l-fuljett tal-Kunsill għandu jiġi ippubblikat sal-20 ta' April u dan għandu jinkludi l-attivita ta' Jum l-Omm, Jum l-Imtarfa, il-proġett tal-Bandli, il-viżita dwar il-ġemellaġġ u l-attivita militari. Għalhekk huwa qed iħeġġeġ biex il-Kunsillieri u kull min hu interessat jippreparaw kitba jew rapport sabiex tiġi inklużi f'dan il-fuljett.

## 11. AĠĠORNAMENTI

11.1 Il-Kunsilliera Helen Bugeja tkellmet dwar *sleeping policeman* li huma llegali. Il-Kunsill qabel li ssir spezzjoni biex dawk li huma illegali jiġu mneħħija jew regolarizzati mal-liġi.

11.2 Is-Sindku tkellem dwar rampa quddiem is-San Paio Confectionery u saret talba biex din tiġi estiża mit-tul. Il-Kunsill qabel.

11.3 L-i*stage* fi Triq it-Tulipan li kien tarlu is-saqaf bir-riħ ġie imsewwi bi prezz ta' €20.00.

11.4 Inżabru żewġ siġar waħda fi Triq Leslie Rundle u l-oħra Triq l-Arloġġ bil-prezz ta' € 50.00.

11.5 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono semma siġra li kienet kibret fil-qies tagħha u qed tagħmel ħsara. Is-Sindku wieġeb li din tingħata l-attenzjoni meta joħroġ il-kuntratt tas-*Soft Areas*.

11.6 Talba għal permess ġdid ta' *bus stop* fi Triq Kav. Vincenzo Bonello, u għanda ssir applikazzjoni mill-ADT kif ukoll tinkiseb stima għall-istess *bus stop*.

11.7 Is-Sindku talab biex issir tabella tal-klieb fi Pjazza Palma. Għandhom jiġu ordnati 3 tabelli u jinżammu 2 riserva. Il-Kunsill qabel.

11.8 Il-Viċi Sindku qal li għanda titwaħħal mera fi Triq l-Istazzjon magħrufa bħala tal-*mushrooms*.

## 12. GĦELUQ IL-LAQGĦA

12.1 Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.30pm.

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Hector Cassola |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

13 ta' Marzu 2009